A.L. 166 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Political Studies taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Political Studies taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Political Studies; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Political Studies.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

(2) L-applikanti li jidħlu skond ir-regolament 2.2(a)(iii) tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki li jissodisfaw lill-Bord li huma għandhom il-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors b'suċċess, inkluż mill-inqas li għaddew f'xi suġġett fil-Livell Avvanzat jew f'livell ekwivalenti.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors jikkonsisti f':

(a) għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 54 kredtu kif ġej:

L-Ewwel Sena	30 kredtu; u
It-Tieni Sena	24 kredti;

u

(b) taqsima studju li tkopri Esej Twil taħt superviżjoni ta' madwar 5000 kelma dwar suġġett approvat maħsub biex juri l-kapaċita' ta' l-istudenti li jintegraw l-aspetti varji tal-Kors, li għaliha hemm assenjati 6 kredti.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, skond il-kriterji li ġejjin:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	40%
Marka Medja tat-Tieni Sena	60%.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.